MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2878/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Giovanna Spiteri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Giovanna Spiteri**

**Vs**

**Mark Desira**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi li l-konvenut ihallas Lm282.41c (mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu) rappresentanti danni ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Dicembru, 2001 bejn il-vettura DAR 575 ta' l-attrici Giovanna Spiteri u l-vettura FBC 242 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh

unikament bhala rizultat ta' traskuragni da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut jichad kontra l-atturi billi l-istess incident kien tort ta' Giovanna Spiteri.

Ra r-Road Accident Report fejn Giovanna Spiteri tghid li kienet hierga mit-Triq Dicembru 13 u kienet qeghda ddur mar-roundabout sabiex tidhol fi Triq Aldo Moro, Marsa. Tghid li kienet fuq il-lane ta' barra ghamlet l-indicator u bdiet tersaq fuq ix-xellug meta karrozza qassmitilha mix-xellug u Giovanna Spiteri hadet break u waqfet. Il-vettura FBC 242 giet minn fuq il-lemin taghha u baqghet diehla fil-vettura taghha.

Il-konvenut jghid li kien ghadu kemm hareg mit-Triq Dicembru 13 u kien qed iddur mar-roundabout bl-intenzjoni li jidhol fit-Triq Aldo Moro. Jghid li kien fuq il-lane ta' barra meta ra l-vettura ta' Giovanna Spiteri quddiemu sejra fuq ix-xellug. F'daqqa wahda regghet daret lejn il-lemin u waqfet fejn ibblokjat in-naha tieghu. Ha break u baqa' diehel fil-vettura ta' Giovanna Spiteri.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta mizmuma fl-24 ta' April, 2003 li fiha xehed PS 1283 Carmelo Csota, prodott mis-socjeta' attrici fejn jikkonferma li nvestiga l-incident in kwistjoni.

Ra li fl-istess kawza xehdet Giovanna Spiteri fejn tghid li kienet gejja minn naha tal-Belt u ghamlet l-indicator fil-bidu tar-roundabout sabiex taqbez ghall-lane taghha fuq ix-xellug. Tghid li ndunat li kienet gejja karrozza ohra mill-genb taghha biex issuq fid-direzzjoni tal-Belt. L-istess vettura qasmet quddiemha u hi waqfet. Il-konvenut baqa' diehel fil-vettura taghha. Il-hsara li garrab kienet fil-bieba ta' wara. Ma regghetx qalbet il-lane lura u hasset id-daqqa fit-tieni lane.

Ra x-xhieda ta' Mark Desira fejn jikkonferma li kien qed isuq wara l-vettura taal-attrici u jikkonferma ukoll li ra l-indicator tal-attrici u qalbet ghal lane tax-xellug taghha

ghalhekk jghid li hu kellhu lane vojta. Jghid ukoll li ghaddiet karozza ohra minn fuq ix-xellug quddiemha u kisret ghal fuqu u hbatna. Jispjega li l-attrici kienet fuq it-tieni lane u qabel l-incident daret ghal fuq l-ewwel lane, ta' hdejn ir-roundabout. Il-konvenut jghid li kien qed isuq qisu t-tul ta' karozza il-boghod mill-vettura ta' quddiemhu. Jaqbel mal-iskizz u jghid li kien miexi bil-mod ghaliex kienet ix-xita.

Illi skond ir-rapport tal-Pulizija l-karozza tal-attrici kellha hsara fil-'rear right door and wheel arc'. Illi kieku z-zewg vetturi kienu fuq l-outer lane l-attrici kien ikellha hsara fuq wara tal-karozza taghha. Illi fil-fatt skond is-survey report 'the right side rear door is badly buckled and must be replaced' (ara wkoll is-survey fejn hemm 'mark damaged area'). Illi l-atturi ma gabux bizzejjed provi biex juru li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident. Anzi jidher li l-attrici bidlet il-lane u b'hekk gara l-habta.

Ghaldaqstant, jilqa' r-Risposta tal-konvenut u jichad it-talba attrici. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------